MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1145/1998/1

**Maltacom PLC**

**vs**

**Patrick Busuttil u b'digriet tat-8 ta' Marzu, 2000, gie kjamat fil-kawza Alexander Portanier**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-3 Gunju, 1998, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lis-socjeta' attrici (li b'att tal-Parlament qieghda tissostitwixxi dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Korporazzjoni Telemalta) is-somma ta' tliet mija u tmenin lira Maltin (Lm380.00), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 370665 (skond kif jirrizulta mill-anness dokument A) liema servizz gie nstallat mill-Korporazzjoni Telemalta fil-fond 'Verde Mare' Flat 1, New Street, St. Andrews, skond ma kif jidher mill-kopja tas-'service agreement' anness dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz, tal-ittra ufficjali datata 3 ta' April, 1998, tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi in linea preliminari s-socjeta' attrici trid tipprova illi hi assumiet l-obbligu u d-drittijiet tal-Korporazzjoni Telemalta, u fid-drittijiet akkwiziti hemm kompriz il-kreditu mertu tal-kawza odjerna.

Illi jekk kien hemm tali cessjoni ta' drittijiet irid jigi ppruvat li gew segwiti l-formalitajiet rikjesti mill-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, il-konvenut kien ittrasferixxa l-fond fejn kien hemm is-servizz tat-telephone fl-1988, u l-Korporazzjoni dak iz-zmien kienet giet avzata bil-bdil tad-destinatarju tal-istess servizz.

Illi ghalhekk, ma hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut.

Illi ghal kull buon fini, l-ammont dovut sal-1988, kien debitament thallas mill-konvenut, kif jirrizulta mir-ricevuti tal-hlas.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Marzu, 2000, fejn ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Alexander Portanier;

Rat in-notifika ta' l-istess; u

Is-sentenza taghha tat-30 ta' April, 2001, fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Alexander Portanier illi baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjonijiet tal-konvenut jinsabu sanati bl-Att XXXIII ta' l-1997, fejn issostitwiet lil gia Korporazzjoni Telemalta mas-socjeta' attrici.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, rrizulta mill-provi li l-konvenut kien iffirma applikazzjoni u skrittura ma' l-awtrici tas-socjeta' Maltacom u cioe il-Korporazzjoni Telemalta fejn din ta' l-ahhar intrabet biex tipprovdi s-servizz tat-telefon lill-konvenut. Dan is-servizz gie pprovdut u l-konvenut ghamel iz-zmien jibbenefika minnu.

Fit-8 ta' Awissu, 1988, in atti Nutar John Gambin, il-konvenut biegh il-fond fejn kien installat is-servizz lil certa Alexander Portanier.

Il-kwistjoni li qamet f'din il-kawza hija jekk dan il-bejgh jaffettwax ir-responsabbilita' ta' l-abbonat ghall-kontijiet illi johorgu wara d-data tat-trasferiment.

Irrizulta mill-provi li probabbilment il-konvenut ma melhiex il-formola illi biha avza lil l-awturi tas-socjeta' attrici b'tali trasferiment. Tant hu hekk illi a Fol. 47, jghid testwalment, "Sussegwentement dan il-fond beghtu u peress illi dak iz-zmien kien difficli sabiex tottjeni linja tat-telefon, jiena kont ghamilt ftehim ma' min kont bghett il-fond, illi dana jibqa' juza l-istess linja…"

Mistoqsi jekk lill-Maltacom kienx avzaha bl-arrangamenti li kien ghamel mas-Sur Portanier, il-konvenut qal, "Illum ma niftakarx. Pero' ma nahsibx li ghamilt hekk peress illi dak iz-zmien kien hemm policy illi jekk inti tirraporta illi t-telefon ma kontx ghadek tuzah, kienu jaqtughulek."

Minkejja illi s-servizz baqa' jigi estiz ghal wara Awissu, 1988, u l-kontijiet imhallsa, b'daqshekk ma jfissirx illi l-konvenut gie mnehhi mir-responsabbilita' naxxenti mill-ftehim maghmul mal-Korporazzjoni Telemalta fil-15 ta' Jannar, 1986, (Fol. 3).

Fuq dan l-argument, il-Qorti ghandha l-konfort ta’ kawza deciza mill-Prim Awla fl-4 ta’ Ottubru, 1993, fl-ismijiet John A. Scicluna Noe. Vs Albert Cassar fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-Att 32 tat-Telephone Service Regulations ta’ l-1972, u ikkonkludiet illi meta abbonat tat-Telephone ma jinnotifikax lic-Chairman tat-Telemalta bi bdil ta’ l-okkupazzjoni ta’ fond u dana fi zmien sebghat ijiem, allura huwa jibqa’ responsabbli tal-kontijiet kollha in konnessjoni mas-servizz moghti.

Ghalhekk il-fatt illi l-konvenut ittrasferixxa l-fond lil terzi ma jezonerahx mir-responsabbilita’ ghas-servizz labarda s-socjeta’ attrici ma gietx infurmata kif stabbilit bl-istess regolamenti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut Patrick Busuttil illi jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u tmenin lira Maltin (Lm380.00), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 370665 liema servizz gie nstallat mill-Korporazzjoni Telemalta fil-fond ‘Verde Mare’ Flat 1, New Street, St. Andrew’s.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur